Vol.2 Mejju 1978 Nru. 2


# IL-PULIZIJA

Organu tal-"Malta Police Association"
Ippubblikat minn
Associated News (Malta) Ltd.
Stampat fil-Union Press
Editur — Michael Marshall
Bord Editorjali: Alfred Debattista
A. Abela, J. Callejja, D. Cassar
A. Mifsud


# IL-PULIZIJA—KIF NARHA

Il-Pulizija ħadd ma jridhom wara biebu iżda hawn Malta l-anqas nieħdu gost bihom wara bieb ħaddieħor għax ma tantx issi b min jikkopera mal-pulizija. Kif jarawh ħafna nies post il-pulizija huwa fiż-żona demmitarizzata bejn is-sezzjoni ta' nies li jippretenduh li għandu jżomm l-ordni u jkun kapaċi għal kull ma jinqala' u sezzjoni oħra li tarah bħala melħa li dejjem lest biex joħroġ il-lapes, jeħodhom l-għassa jew jagħmlilhom ċitazzjoni.

Infatti l-pulizija f'kull 'rating' tal-popolarita' li saret dejjem ġie l-aħħar u nistgħu ngħidu li huwa l-anqas bniedem maħbub fis-Soċjeta'. Il-klassi tal-ħaddiema dejjem ikkunsidratu bħala biċċa mill-'Establishment' u bħala tali qatt ma fdatu u dejjem beżgħet minnu. Il-klassi tal-professjonist dejjem ħarset lejh bħala bniedem jew perikoluż jew bniedem ineffiċjenti li mhux kapaċi joħloq sigurta' fil-pajjiż. Kull delitt li jsir dejjem teħel l-ineffiċjenza tal-pulizija.

## KIF JAHSBUHA HUMA

Sa fejn naf jien qatt ma kien hawn trattament li jurina kif jaħsbuha l-pulizija u għalhekk wieħed jista' jissopponi li razzjoni min-naħa tagħhom bil-fors ikun hemm. L-ewwelnett trid iġġib quddiem għajnejk kemm il-liberta' ta' l-individwu hija rispettata hawn Malta.

Biex taqbad kriminali trid tkun mhux makakk biss iżda opportunist biex jekk jista' jkun taqbdu idu sħuna. Inkella ħoll xagħrek u ġib iż-żejt liema ċanfir jaqla' waqt il-proċess tal-qorti speċjalment jekk ikun hemm avukat pezza kustjoni.

Povru spettur meta jidħol bejn il-basla u qoxritha! Forsi jkunu draw u ma jeħdux għalihom — wara kollox, fil-qorti ħadd ma jkun personali. Iżda xi kultant wieħed jiġih dubju min hu l-kriminali — il-prosekutur jew l-imputat.

Iżda s'hawn ngħadduha. L-agħar meta tara kif il-massa tal-poplu tħares lejh. Ħafna minnhom jarawh bniedem li malajr tista' tirranġa miegħu. Jekk ikun ħadlek ismek allura tmur bil-kelma t-tajba u tipprova tirranġa. Wara kollox l-anqas ħadd ma jieħu gost ixellef dufrejh mal-pulizija. Hemm oħrajn li jqisuh bħala arma tat-twerwir.

Il-missier jhedded lil ibnu li jekk ma joqgħodx sewwa jġiblu l-pulizija. Jekk mara tara lil żewġha fis-sakra jew jerfa' idejh fuqha ma tridx wisq biex tgħid lis-Surġent ikellmu f'widnejh.

Oħrajn jarawh bħala moralista li jrid irażżan il-kliem ħażin, in-namrati fit-triq, l-ilbies skullat jew kotba oxxeni. Hemm oħrajn li fuq kollox ma jafdawhx għax jidhrilhom li dan meta jkollok bżonnu ma ssibux. Jekk iċċempillu urġenti jasal wara sagħtejn, meta tmur għalih jgħidlek qiegħed waħdu, meta trid l-għajnuna ssib li sieħbu llarga ftit u ma jdumx ma jiġi.

## HAFNA FUNZJONIJIET

Dan ma jsirx b'dispett lill-pulizija. L-ewwelenett irridu nammettu li hawn Malta l-korp tal-pulizija m'huwiex mgħammar b'nies daqs kemm għandu bżonn. It-tieni l-anqas għandu l-ispeċjalizzazzjoni u t-tagħlim li jistħoqqlu. It-tielet ma hemmx it-tagħmir li jgħinu jlaħħaq maċ-ċirkustanza. Ir-raba' l-pulizija tagħna tinħela f'ħafna funzjonijiet li mhumiex proprju fid-dinja tagħhom bħal ngħidu aħna festi, żfin, logħob li malajr tara pulizija preżenti. Il-ħames ma narawx dik il-fluwidita' li l-korp tal-pulizija jintuża biex iħoll problemi attwali kif jinqalgħu.

tkompli f'p.13

# EDITORJAL

## IL-PULIZIJA — HADDIEM

Il-bidu tax-xahar ta' Mejju huwa ddedikat il-Ħaddiem u għalhekk ikun xieraq li l-editorjal ta' din il-ħarġa jiġi ddedikat il-Pulizija — Ħaddiem.

Għal ħafna, il-Pulizija huwa dak li fid-dover li jżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku u ftit huma dawk li jafu b'dak ix-xogħol l-ieħor li jsir mill-Pulizija.

Fil-kopertina ta' din il-ħarġa jidhru erba' ritratti ta' Pulizija f'xi wħud mid-diversi oqsma tax-xogħol tagħha. L-ewwel ma nsibu huwa l-Pulizija kif jafu kulħadd jagħmel dak ix-xogħol verament pulizjesk, jiġifieri ħabbat wiċċu mal-ħafna rapporti u mistoqsijiet tal-pubbliku.

Niltaqgħu mbagħad mal-Pulizija normalment fuq xogħol klerikali f'diversi taqsimiet kemm fl-Għases kif ukoll postijiet oħra.

Qasam ieħor tax-xogħol tal-Pulizija huwa dak tas-snajja. Dan insibuh fil-Kwartieri Ġenerali tagħna fejn il-Pulizija jaħdmu f'diversi workshops tagħna.

Fl-aħħarnett insibu l-Pulizija jagħmel dak ix-xogħol li xi drabi jkun meħtieġ li jsir minħabba xi kriżi, jew minħabba xi ħidma ndustrijali fejn ikun meħtieġ li dak ix-xogħol ikompli jsir bliskop li ma jbatix il-poplu. Fost dan ix-xogħol insemmu meta Pulizija kwalifikati ġew imqabbda jagħtu injezzjonijiet lill-annimali meta laqtitna l-marda ta' l-ilsien u dwiefer. Każijiet oħra kienu meta l-Pulizija għenet fil-produzzjoni tal-ħobż sena ilu, u meta ħadet ħsieb it-trasport pubbliku minħabba strike missidien tal-karozzi.

Dan huwa x-xogħol tal-Puliizja Ħaddiem li nistgħu birraġun kollu nsejħulu Ħaddiem different minn ħaddiem ieħor.

**Il-Bord Editorjali.**

**Cover Photo (April Issue) was published by the courtesy of The Times of Malta**

# magimix

## FOOD PROCESSOR BY ROBOT COUPE

## does it all

Magimix — the most revolutionary cooking aid to appear on the market. Magimix the only domestic appliance which does all the functions of a food mixer, mincer, shredder, slicer, liquidiser, and juice extractor.

Magimix — minces, chops, grates, slices, purees, mixes, blends, and liquidises. Magimix makes pates, soups, mayonnaise, cakes, pastry and dough. All this simply and efficiently in seconds without any noise.

**Magimix — an undisputed bargain at £M65.**

*Available from the Dealers:*
**"Avery Sales", Old Bakery Street, Valletta.
Cachia General Store, Carmel Street, Sliema.
E. Calleja & Sons, 7 Fleur-de-Lys Road, B'Kara.
Degiorgio Household Store, 115 Constitution Street, Mosta, and 178 Merchants Street, Valletta.
Freddie's Bar, Dingli Circus, Sliema.
Gersin, 53A, Paola Square, Paola.
Iceberg, 5 Msida Sea Front, Msida.
Marton General Stores, Cappadoccia Street, Qormi.
Muscats General Stores Ltd., Republic Street, Valletta.
NAAFI shops.
Salinos General Stores, 46 Valley Road, B'Kara.
Sultana, 39 Ordnance Street, Valletta.
Wash Well Ltd., St. Lukes Road, G'Mangia, and Prince of Wales Road, Sliema.
Gozo
Grech Central Stores, Victoria and from the Agents.**




**medairco**

*Valley Road Msida Tel: 41361*

# PUBBLIKAZZJONIJIET MILL ASSOCIATION minn E.A.

L-ASSOĊJAZZJONI tal-Pulizija bħal kull għaqda oħra, mill-bidu tat-twaqqif tagħha ħasset il-ħtieġa li toħroġ xi pubblikazzjoni għall-membri tagħha.

L-ewwel pubblikazzjoni kienet dik ta' "News Letter" b'forma ta' ċirkolari li kienet toħroġ kull tlett xhur. L-ewwel waħda li ltqajt magħha hija dik ta' Settembru 1958 Vol. 1 No. 11. Dan jindika li kienu ħarġu 10 oħra u għalhekk hu mifhum li l-ewwel "News Letter" ħarġet f'Marzu, 1956, disa' xhur wara t-twaqqif tal-Assoċjazzjoni.

L-editur ta' din in-"News Letter" kien il-ħabrieki Surġent 639 Salvu Vella li kien ukoll Segretarju Ġenerali tal-Assoċiation. F'dawn in-"News Letters" kien jiġi ppubblikat il-ħidma tal-Association, minuti tal-laqgħat kif ukoll il-korrispondenza u tagħrif ieħor.

F'Lulju tal-1959, biex jitfakkar ir-raba' anniversarju tat-twaqqif tal-Association, il-Kumitat ħa ħsieb jippubblika "News Letter" b'forma ta' magażin li kien ġie stampat u kien fih ukoll xi ritratti. "News Letter" ta' din ix-xorta ħarġet waħda biss.

Pubblikazzjoni oħra kienet dik tal-famuż u klassiku "Memorandum of Evidence and Other Written Statements in Support for Increased Pay and Emoluments". Dan il-memorandum li kien ġie ppubblikat fl-1960 kien xogħol kbir tal-Kumitat tal-Association b'ħidma kbira mill-ex-Suprintendent Paul S. Grech (dak iż-żmien spettur).

F'Mejju 1977 ħareġ l-ewwel magażin kif għadu joħroġ sal-lum. Il-pubblikazzjoni ta' dan il-magażin hija differenti mill-pubblikazzjonijiet li ssemmew qabel għar-raġuni li l-magażin li għandna llum huwa ta' interess mhux biss għall-membri tal-Korp, iżda anke għall-pubbliku.

Pubblikazzjoni ta' magażin ta' din ix-xorta kien f'moħħ il-Kumitati ta' qabilna u hawn wieħed jagħmel tajjeb jikwota dak li kien kiteb is-Sur W. Hersey (illum Suprintendent) fin-"News Letter" ta' Lulju 1959 meta kien Chairman tal-Other Ranks' Joint Central Committee.

"There is already room for an Association Magazine which would cover a wider canvas of interest, argument and opinion. But a publication on that scale requires time, money and staff".

Kif intqal tajjeb, pubblikazzjoni ta' magażin jinħtieġ il-ħin, flus u n-nies. Il-problema finanzjarja, illum, ma tantx ħablitilna moħħna, iżda dak li jirrigwardja ħin u nies hemm ħafna problemi u xejn ma noħodha bi kbira jekk dan il-magażin ikollu jieqaf minħabba dan.

L-akbar problema hija dik li takkwista l-materjal għall-pubblikazzjoni. Dan jinħtieġ ħafna ġiri, kitba ta' ittri b'sejħa lill-diversi nies biex jikkontribwixxu xi materjal, jintalbu copyrights ta' artikli kif ukoll ta' ritratti u dan flimkien ma' ħafna xogħol ieħor ta' ġiri għand il-publishers, stamperija, bank in konnessjoni ma' flus eċċ. eċċ. Dan irid isir minn bniedem wieħed. Ta' min jgħid ukoll li l-materjal għall-pubblikazzjoni jrid jintbagħad mhux anqas minn sitt ġimgħat qabel il-ħarġa tal-magażin.

U biex inkomplu fuq il-pubblikazzjonijiet, insemmu l-Kodiċi Kriminali li għalkemm ma nistgħux ngħidu li dan kien pubblikazzjoni tagħna, iżda x-xogħol kollu meħtieġ sabiex jiġi maħruġ dan il-ktieb sar mill-Association. Din kienet biċċa xogħol siewja u meħtieġa mhux biss għad-dutturi tal-liġi, iżda għal ħafna nies oħra li għandhom għal qalbhom kotba bħal dawn. Dan il-ktieb ġie mfaħħar minn diversi nies fosthom il-President tar-Repubblika.

Fl-aħħarnett ta' min isemmi ukoll li f'Marzu 1978 beda x-xogħol fuq il-Motor Vehicles Regulations li huwa ttamat li meta jaslilkom dan il-magażin, ikun diġa' għall-bejgħ. Minħabba spejjeż kbar, il-M.V.R. sar stensiljat.

Fil-futur hemm il-ħsieb li joħorġu pubblikazzjonijiet oħra, iżda biex isir dan meħtieġa ħafna għajnuna u koperazzjoni. Kemm l-għajnuna kif ukoll il-koperazzjoni jistgħu jiġu f'diversi forom, iżda l-akbar koperazzjoni li nistgħu nagħtu dwar dan, hija li jinxtraw dawk il-pubblikazzjonijiet li aħna nkunu ħriġna b'tant sagrifiċċji.



Royal University of Malta Main Library

News letters tal-M.P.A.


L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija toħroġ ir-rivista "Il-Pulizija"

Kummenti tal-ġurnali



# Contact Sullivan & Sullivan Ltd., Malta's Cargo and Travel Experts...

They can forward your personal effects boxes and/or cargo, conventional or containerised to all destinations, at special rates.

When planning for your holiday in the most economical and practical way, use their Travelmatic Service for any of the following facilities:-

Insured Apex to and from UK. USA and CANADA.

WINDSOR TOURS or any other inclusive tour to and from principal European Countries.

SPECIAL FARES to Australia.

**Sullivan & Sullivan Ltd.**
**150, St. Lucia Street,**
**Valletta.**

Telephone: 624715, 625946 during office hours.
30560, 31628, 31778 after office hours and on holidays.

# Francesco Rivarola
## by M.M.T.



**FRANCESCO RIVAROLA**

### FOUNDER AND FIRST COMMANDANT OF THE MALTA POLICE FORCE

A NATIVE of Corsica, Rivarola joined the Corsican Regiment of the British Army then known as 'Smith's Union Brigade' as an ensign on the 18th March 1795 when Corsica was occupied by Britain. The following year he was promoted a Lieutenant and drafted first into the 18th Royal Irish Regiment and then into the 22nd Foot Regiment. In 1800 he accompanied Sir Ralph Abercromby's expedition to the Mediterranean as assistant Quartermaster General and was also placed in charge of a five hundred strong Maltese Labour Corps (not a fighting unit) which formed part of the same expedition in Egypt. He returned to Malta in 1801 where he served first as a secretary and then as brigade-major until 1804.

In 1804 he raised a force of three hundred fellow Corsicans to fight Britain's wars, this force was merged into the Royal Corsican Regiment and Rivarola and his troops saw service in Italy and Sicily. In 1806 while he was in Sicily he raised a mercenary regiment which became known as Real Sicilia (the Royal Sicilian Regiment), these mercenary troops became an integral part of the British Army, and during this Italian compaign they stormed the Castle of Reggio and took over six hundred French prisoners. From Italy Rivarola and his mercenary troops crossed over to Egypt where in 1807 they took part in several engagements and Rivarola was promoted Major on the field of battle on the 6th February 1807.

In those days it was customary for powers engaged in European wars to enlist whole regiments of professional foreign soldiers to fight in their armies, thus during the Napoleonic wars Britain raised up several mercenary regiments. Normally the person who raised a regiment was given the command of that fighting unit and had the rank of Lieutenant Colonel bestowed on him. Rivarola who had raised the 'Real Sicilia' was promoted to that rank on the 7th February 1811. Over the same period the following foreign regiments were based in Malta from where they fought Britain's wars in the Middle East and Italy;

a) De Froberg Regiment mainly made up of Greek and Turkish mercenaries;

b) De Meuron Regiment mainly made up of French and Italian mercenaries;

c) De Dillon Regiment mainly made up of Greek, Turkish, French and Italian mercenaries;

d) De Roll Regiment mainly made up of Swiss mercenaries;

e) Real Sicilia (the Royal Sicilian Regiment of Light Infantry).

During their short stay in Malta thirty-nine of these mercenaries were executed following convictions for murder, plunder and mutiny.

In 1813 Sir Thomas Maitland, son of an English Earl who before coming to Malta had a long career in the colonial service was appointed Governor and Commander-in-Chief troops Malta and two years afterwards was also made Lord High Commissioner of the Ionian Islands which comprise Corfu, Cephalonia and other islands off the coast of Greece. At the time plague was ravishing the Island. 'King Tom' as he became known for his strong arm, stand-no-nonsense style of government carried out sweeping reforms in most ways of Maltese life. He brought out radical reforms and changes in the administration, medical service, Law Courts, the departments and Government spending.

He also curbed the power of the Church and brought about a separation of the Executive, the Legislative and the Judicial powers. His beneficial reforms suppressed the several law enforcements agencies and Maltese military units then in existence and entrusted Lt Colonel Francesco Rivarola with the raising up of one police force and one fighting unit. In 1814 Rivarola became Inspector-General of Police and Inspector-General of all Maltese and foreign military units based in Malta and when the mercenary regiments in Malta were disbanded Rivarola raised up the 'Royal Malta Fencible Regiment' and became its first Lt Colonel Commandant.

In 1816 plague broke out in the Ionian Island of Corfu and Sir Thomas Maitland sent Rivarola to that Island to raise up a police force and to introduce the same measures to combat the disease which were so successful when plague broke out in Malta in 1813. Rivarola remained in Corfu up to 27th May 1818.

The first sitting of the First Parliament of the United States of the Ionian Islands was held on the 19th March 1818 and the first Act passed on that date was "Atto che regola la Polizia degli Stati Uniti delle Isole Jonie'.

When Rivarola set up the Malta Police the Force's first task was to combat the plague. Its main duties were to enforce quarantine laws, to maintain guard with premises hit by the plague, to cut off infected areas by placing constables at crossroads to prevent unauthorised persons from entering such areas, to escort carts conveying corpses

**CONT. ON PAGE 11**




REMY MARTIN FINE CHAMPAGNE COGNAC



# Konvinzjoni jew Konvenjenza-B'dedika ghax-xogħol.

Minn WALTER CAMILLERI

IL-BNIEDEM ta' kreatura umana li hu, dejjem iżomm quddiem għajnejh dak ix-xenarju glorjuż li għada pitgħada jasal jakkwistah taħt idejh u jgħix fih u bih. Huwa naturali li l-bniedem itejjeb lilu nnifsu u postu. Alla jħares ma kienx hekk, għax progress ma jsir qatt.

La l-bniedem jaspira għal xenarju glorjuż jibda jsir ambizzjuż. L-ambizzjoni fiha nnifisha ma hix ħażina. L-importanti hu li l-ambizzjoni ma tkunx waħda negattiva. Il-bniedem f'ħajtu jrid jgħix żewġ ħajjiet. Dik tiegħu u tal-familja u l-oħra ta' għajru.

Għalhekk insibu li fid-dinja ma hawn ħadd li qiegħed waħdu. Kulħadd qiegħed ma ħaddieħor. Kulħadd qiegħed flimkien, wieħed ma' l-ieħor. L-ebda biċċa xogħol ma tista' titwettaq jekk mhux b'ħaddieħor. Ħaddieħor jista' jkun wieħed, tnejn, sitta, mijja u anke eluf oħra.

Ħadd waħdu ngħidu aħna, ma jwaqqaf u jmexxi industrija, żgħira kemm hi żgħira, bilfors irid miegħu lill-ħaddieħor, f'bosta fergħat tal-impriża. Biex jasal għal massima produzzjoni, wara naturalment ċertu żmien, wieħed isib li l-qliegħ (jew telf) ikun sar bil-għajnuna ta' diversi nies li jaħdmu miegħu direttament kif ukoll indirettament.

Mingħajr ma forsi nindunaw, qegħdin barra li naħdmu flimkien, qegħdin ukoll ngħixu flimkien. Li naħdmu flimkien huwa unur għaċ-ċivilta' umana. Almenu l-bniedem f'dan irrigward, jiddistingwi ruħu millannimal li ma għandux raġuni.

Dawk kollha li joħorġu għaxxogħol kmieni fil-għodu u jirritornaw lura tard mal-ġurnata. jewwilla ma humiex familja oħra? Il-bank tax-xogħol jewwilla ma għandux saħħa flambjent daqs dak tal-familja?

Hawn ħaddiema, żgħar u kbar, li jaħlu bosta aktar ħin fuq i l-bank tax-xogħol milli mal-familja. Hawn min joħroġ għax-xogħol kmieni fil-għodu u jħalli l-uliedu reqdin u jirritorna d-dar tard fil-għaxija u jerġa' jsib l-uliedu fl-istess post fejn ħallihom fil-għodu — fis-sodda reqdin.

L-importanza jew aħjar l-esiġenzi tax-xogħol, flimkien mal-ambizzjoni personali, iġagħluna kultant nirraġunaw u/jew naġixxu b'mod divers minn kif suppost. Il-kredu, it-twemmin tagħna fix-xogħol li jkollna, naslu biex naddattawh kif jaqbel lilna fil-mument u fil-ġejjieni. Ftit huma dawk il-bnedmin li jemmnu fi twemmin sħiħ fix-xogħol. It-twemmin fix-xogħol iġagħlek tħobb ix-xogħol u jekk verament tħobb ix-xogħol tħobb ukoll lil ta' madwarek li huma l-istess sħab fuq l-istess bank tax-xogħol.

It-twemmin u l-imħabba lejn ix-xogħol iġagħluna nħossu li aħna ħaddiema, nagħmlu parti minn familja oħra li wkoll ngħixu magħha għax naħdmu magħha. Hawn tidħol it-tifsira jew aħjar l-interpretazzjoni ta' dak li nemmnu fix-xogħol tagħna. Għalhekk nagħmlu din il-mistoqsija:- "Ix-xogħol tagħna inkejluh b'Konvinzjoni jew b'Konvenjenza?"

Biex inġibu eżempju: "Ix-xogħol tagħna nwettquh bi skruplu, bi twemmin sod u bi mħabba, jew hemm xi forma ta' konvenjenza f'xogħolna li ġġagħlna ndabbru rasna, li ġġagħlna nkunu egoisti u opportunisti jew indifferenti?"

B'dan l-argument quddiemna, u biex kemm nistgħu intejbu xogħolna u l-frott ta' xogħolna, nistaqsu ftit lilna nfusna: L-imġieba tagħna, il-frott tal-ħidma tagħna fuq ix-xogħol kif tirrifletti? Qegħdin biżżejjed inqimu xogħolna, qegħdin ninsew li aħna m'aħniex weħidna fuq il-bank tax-xogħol, u li kulħadd għandu l-importanza tiegħu fuq il-bank tax-xogħol?

B'aktar ħeġġa mill-imgħoddi, l-imsejkna konvinzjoni fix-xogħol partikolarment, qegħda kull ma tmur tiċċajpar. Il-fedelta lejn ix-xogħol intrifset mill-fergħat kollha tal-ġerarkiji. Smajna u qrajna bosta fuq hekk. Il-kuxjenza safja, sostnuta minn stamina bnina u ġenwina, qegħda f'kumbattiment deċisiv mal-opportunisti u dawk kollha li jwettqu xogħolhom b'nuqqas ta' fedelta u rispett lejn għajrhom.

Hawn nerġgħu koppi. Nerġgħu insibu l-bniedem jagħmel ħiltu biex jaqliba lil sieħbu (u jgħid li hu sieħbu). Insibu min irid jiekol minn fuq ras ħaddieħor. Niltaqgħu mal-bniedem li jrid li, filwaqt li jgħix ma' ħaddieħor ma jridx jaħdem miegħu. Kilba għal xi ħaġa oħra żejda barra minn dak li l-bniedem għandu, u kultant a skapitu ta' ħaddieħor u minn fuq dahar ix-xogħol. Irid juri leħnu u għalhekk jgħollieh fuq ta' ħaddieħor. X'tissejjaħ din l-imġieba, Konvinzjoni jew Konvenjenza.

Hemm bżonn li kull ħaddiem jieqaf ftit u jaħseb dwar kemm għandu rispett, qima u fedelta' lejn il-bank tax-xogħol u sħabu. Hemm bżonn ta' aktar attenzjoni, rieda tajba u ġenwina, għax b'hekk biss xogħolna jkun ta' fejda. Hemm bżonn ta' aktar skruplu, dedikazzjoni u devozzjoni.

Wara kollox, aħna fil-bidu tal-quddiesa nistqarru:- ........ u billi ħallejt dmirijieti. Mela jekk tonqos b'xi mod middmirijiet tiegħek, ripetutament u intenzjonalment, u għar minn hekk, timplika lil sieħbek b'detriment għalih, tkun qiegħed tonqos sewwa. Huwa dritt tiegħek ja Ħaddiem li taħdem imma wkoll dmir tiegħek li taħdem sewwa.

Dawn l-affarijiet ta' min jagħti kashom, għax huma jirriflettu l-imġieba tagħna. Huma r-rifless tal-karattru li kull wieħed minna jkun sawwar minn fuq dahar ix-xogħol u minn fuq l-isħab.

Jekk kuljum kull wieħed minna jaħseb ftit dwar l-imġieba tiegħu, inkunu nistgħu nagħmlu passi kbar fejn il-konvinzjoni safja u fidila.

Inkunu qegħdin minn ta' quddiem nikkumbattu l-ġlieda deċisiva kontra l-konvenjenza. Inkunu minn ta' quddiem li nirrestawraw l-Ordni Soċjali li taħdem sewwa, ħalli l-istess bniedem ikollu garanzija li jgħix u jaħdem f'ċivilta li verament tiddistingwieh mill-annimali.

B'hekk inserrħu rasna fuq l-imħadda għax inkunu ħdimna għal kawża ġusta. Inkunu ħdimna għall-priservazzjoni u l-kultivazzjoni ta' xogħolna u mġieba aħjar ta' vera aħwa ma' sħabna fuq ix-xogħol. B'din l-aħħar togħma nerġgħu nistaqsu f'qalbna:- "L-imġieba tagħna kif tirrifletti ......?"

# ROADHOUSE BUSKETT

***Presents Nightly***

***International Cabaret***



## ★ LES MAGNIFIQUES ★

**international dancers**

**plus other speciality acts.**

OPEN DAILY from 10.00 am
Serving
MORNING COFFEE, LUNCHES, AFTERNOON TEAS
and DINNER DANCES

* *LOCAL FOLKLORE EVERY WEDNESDAY*
* *FAMILY TEA-TIME SHOW EVERY SUNDAY*

**Book in advance to avoid disappointment**
**TELEPHONE 674233-626542**

# Teacher's. In a class of its own.




**Enquiries: 624109**

# IL PULIZIJA U IL FESTA TAS SALIB

Aħna l-pulizija ta' Malta u Għawdex qatt ma kellna jew qatt ma ċċelebrajna uffiċjalment il-festa tal-Qaddis patrun tal-Pulizija. Bosta għaqdiet tal-Pulizija fl-Ewropa u fl-Amerika Latina jikkommemoraw il-festa ta' San Mikiel jew ta' San Bastjan bħala l-patrun jew protettur ewlieni tagħhom.

Imma hawn Malta, il-Korp tal-Pulizija jiċċelebra festa qaddisa wkoll, il-Festa tas-Salib Imqaddes. Jiċċelebra din il-festa mhux għax dikjarata l-festa tal-qaddis protettur tal-Pulizija imma għax il-Kappella tad-Depot hija ddedikata lis-Salib Imqaddes.

Din il-festa li dari kienet Kmandata, tiġi osservata mill-Knisja fit-3 ta' Mejju. Hija festa meqjuma u devota ħafna. Bosta mix-xjuħ tagħna għadhom iħarsuha. Din is-sena sejrin nerġgħu nfakkru w nqimu s-Salib Imqaddes, li mhux ħaġ'oħra ħlief: It-Triq, Il-Verita' u l-Ħajja.

Il-festa tas-Salib Imqaddes kienet tiġi ċċelebrata fid-Depot tal-Pulizija fil-jum tagħha filgħodu. Din il-festa ilha żmien tiġi mħarsa mill-Korp tal-Pulizija. Kienu jiġu mistiedna għal din il-festa l-Awtoritajiet Ċivili u dawk ekkleżjastiċi u l-Korp tal-Pulizija in ġenerali. Imma bosta mill-membri tal-Korp ma kinux jattendu minħabba x-xogħol bla waqfien li l-pulizija jkollha u minħabba l-qorti.

Meta l-quddiesa bdiet tiġi ċċelebrata fil-għaxija 1961 din il-festa ttrasferiet ruħha għal fil-għaxija u fl-ewwel ġimgħa tax-xahar ta' Mejju. Biex ngħidu hekk, b'ġebla waħda jintlaqtu żewġ għasafar.

Ir-ritratt li għandna llum qiegħed jirrappreżenta l-festa tas-Salib Imqaddes waqt quddiesa ċċelebrata fil-Kappella tad-Depot il-Furjana fl-1969, imma fl-ewwel ġimgħa tax-xahar. Kappella mimlija bil-fizzjali u membri oħra tal-Korp. Jidher fost l-oħrajn l-ET Rev Mons Arċisqof Sir Michael Gonzi, illum Arċisqof Emeritus.

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjonijiet tal-Mutual Help Association kienu għall-familji tal-imsemmija ex-membri tal-Korp:—



Ex-Kuntistabbli Nru. 488 Joseph Barbara.



Ex-Surġent Nru 546 John Said

Ħdimna magħhom f'ħajjithom — niftakru fihom wara mewthom. Għatihom O Mulej il-mistrieħ ta' Dejjem.



ILLEGA "L-PULIZIJA"

Dawk li jixtiequ jillegaw "Il-Pulizija" jistgħu jagħmlu dan billi jiehdu l-magazines fl-Ufficcju tal-Association.

Prezz: £1,60.0



# ITALIAN POLICE KILLED THROUGH THEIR DEVOTION TO DUTY

**On behalf of all members of the Malta Police Force we extend our deepest sympathy to the families of the five Italian Police Officers (Carabinieri) who were killed in a terrorist attack in the kidnapping of Signcr Aldo Moro, one of Italy's most respected statesmen.**

## Message of the Commissioner, Malta Police to the Comandante dell'Arma dei Carabinieri:

Siamo profondamente scossi di apprendere del massacro di cinque dei nostri colleghi in cui onorevole professore Aldo Moro e stato rapito.

In nome della Forza della Polizia di Malta desidero esprimere le piu profonde condolianze alle loro famiglie e ai loro colleghi.

## Message from the Italian General Pietro Corsini to our Commissioner:

"Ringraziola sentitamente per cortesi espressioni condoglio formulate anche at nome Forze Polizia Malta occassione scomparsa maresci allo Oreste Leonardi et appunto Domenico Ricci cadute adempimento dovere. O esteso tai sentimenti at familiari vittime".



Giulio Rivera

The five Officers killed in this bloody attack were:

Oreste Leonardi — 52 years — Moro's bodyguard for 15 years
Rafaelo Iozzino — 25 years
Giulio Rivera — 25 years
Domenico Ricci — 44 years
Francesco Zizzi — 30 years



Oreste Leonardi



Rafaelo Iozzino



Domenico Ricci



Francesco Zizzi



S. Aldo Moro (right) in Malta in May 1972
Mr J.N. Cachia (centre) Head of Security during Moro's visit



Aldo Moro shaking hands with the Traffic Motor cyclists before leaving Malta in May, 1972.

of plague victims to the cemetery at Pieta', to guard convicts who were employed in plague stricken areas, and to prevent looting. Police personnel did not wear any uniform but were identified because they carried a dangling sword, a pistol and a baton as sign of office.

On the 28th October 1824 an application was made by the Deputy Inspector General of Police for thirty pistols, one hundred and thirty seven swords and belts and five hundred sixty six ball cartridges for the use by police patrols established in the various villages.

The office of the Inspector-General of Police was set up at the Auberge d'Auvergne then built on the present site of the Law Courts in Valletta. He was assisted by a deputy, one Captain Baron Muller de Freidberg who in turn was helped by the First Adjutant then Dr Vincenzo Azzopardi and by the latter's assistant Mr James Gallart.

The Islands were divided into twelve districts and each district had an Adjutant or Police Officer-in-charge of the small police unit in that area.

The twelve districts were:
Floriana
Cottonera
Mdina
Gozo
B'Kara
Żebbuġ
Qormi
Żabbar-Żejtun
Attard-Lia-Balzan
Mosta-Naxxar-Għargħur
Gudja-Għaxaq-Luqa-Tarxien
Mqabba-Qrendi-Żurrieq-Siġġiewi

The policing of Valletta was the responsibility of the First Adjutant.

On the 19th July 1821 Rivarola was made full Colonel and appointed Colonel Commandant of the Maltese Regiment in 1825 then on the 22nd July 1830 he was promoted to the rank of Major-General On the 15th November 1822 he relinquished command of the Police Force, the office of Inspector General of Police was abolished and Lt Colonel Henry Balneavis took over the command of the Force as Deputy Inspector General of Police. Rivarola's frequent and prolonged trips to Italy and the Ionian Islands necessitated this change of command at the top.

While on one of his frequent visits to the Ionian Islands off the coast of Greece in 1826 Rivarola discussed with Charles James Napier the local British Resident (the Governor's representative on the Islands at Cephalonia) how to improve those Islands' agriculture by having a colony of Maltese farmers settling there, the Maltese farmers were then known for their industry and skill. The Cephalonians were reputed rather a lazy people and it was thought that the influx of Maltese would stir them into productive action and make them exploit their agricultural resources. In 1826 a Maltese farming colony of about three hundred settled at Pronos; a fertile stretch of land in Cephalonia. Though this venture did not have the desired effect yet it was the first organised attempt at emigration from Malta.

Rivarola married a Cephalonian girl of aristocratic birth. They had a daughter Maria who was educated in France where her paternal grand parents lived but she then returned and died in Cephalonia. Her portrait where she is shown dressed in a costume richly ornamented with Malta lace still hangs in the Folk and Historic Museum at Cephalonia.

In 1840 Francesco Rivarola was knighted. He became Knight Commander of the Order of St Michael and St John and the following year he was promoted Lieutenant-General. Rivarola died at Cephalonia in the Ionian Islands on the 7th October 1853, after spending a term of office as Lieutenant-Governor of Zanti.

# SINGER

**il-mod prattiku biex tiffranka l-flus**




Issibuhom fiċ-Ċentri tal-ħjata Singer: Il-Belt, tas-Sliema, Birkirkara, Ħamrun, Raħal il-Ġdid, Bormla, Żejtun u Victoria - Għawdex u mingħand id-Dealers.

**SINGER** ghat-thaffif tax-xogħol fid-dar

---

Portable & Office Manual/Electric Typewriters
Calculators Pocket/Table Models
Display & Printing
Dictating Equipment & Transcribers

**Dual** — HiFi Equipment — Record Players — Tuners — Amplifiers — Speakers — Music Home Systems

**Geha** — Writing Instruments — Office Chemicals — Ribbons — Carbon Paper — Stencils — Duplicators — Stencil Cutters

**MAUL** — Letter & Parcel Scales (metric)

**Aurora** **MONT BLANC** — Quality fountain pens — ball pens — Propelling pencils

*See them at:*

## AUSONIA LTD

168, OLD BAKERY STREET, VALLETTA. Phone 603179

## GHALAQNA SENA — AD MULTOS ANNOS

**Minn Mike Marshall**

Sena ilu, f'Mejju l-Association tat ħajja l-ewwel ħarġa tal-magażin tagħha "Il-Pulizija". Xahar wara l-ieħor, l-għaqda tagħna żammet l-appuntament tagħha mal-membri tal-Korp.

Għall-ewwel xhur, il-pulizija ġew mitluba jgħinu billi jħallsu għal dan il-magażin biex jinħoloq fond mnejn jitħallsu l-ispejjeż. Kif rajna li qegħdin f'pożizzjoni li nistgħu nagħtuh b'xejn lill-membri tagħna, għamilnieh.

Tul dan iż-żmien ma kienx kollox ħarir. Kien hemm mumenti ta' nuqqas ta' qbil li wassal għal tilwim bejnietna. Dan sar sforz l-entużjażmu illi kien hemm biex dan il-magażin jikseb suċċess. Għad li dan it-tilwim deher wara l-ewwel ħarġa, il-magażin baqa' joħroġ xahar wara l-ieħor.

Mit-tieni ħarġa 'l quddiem, il-Bord Editorjali ħabbat wiċċu



L-ewwel Bord Editorjali waqt konferenza stampa

ma' aktar xogħol peress li naqsu l-faċilitajiet li kien hemm fil-bidu, iżda b'determinazzjoni u permezz ta' tmexxija għaqlija wrejna bil-fatti x'kapaċi jagħmel ix-xogħol b'daqsxejn sagrifiċċju u wasalna fejn ridna.

Illum bi pjaċir ninnotaw illi permezz ta' dan l-organu tagħna mhux biss qed nidħlu fid-djar tagħkom, iżda poġġejna isimna fil-librerji u fid-djar 'il barra minn Malta. Dan ċertament kien il-ħsieb ta' dawk li fil-bidu tawna l-għajnuna tagħhom.

F'għeluq l-ewwel sena, l-Association tixtieq tirringrazzja lil dawk kollha li taw l-għajnuna tagħhom għal dan il-magażin b'mod speċjali l-membri ta' l-ewwel bord editorjali, lill-Associated News (Malta) Ltd, lill-aġenti li qed jgħinuna billi jippubblikaw l-avviżi u lill-Union Press fejn qed jiġi stampat dan il-magażin.

---

# KONT TAF LI...?

**KONT TAF LI . . .?**

Ħafna huma dawk li jafu li l-membri tal-Pulizija taħt ir-rank ta' Spettur huma ntitolati għall-mediċini u kura b'xejn fl-isptarijiet tal-Gvern. Dan il-privileġġ insibuh f'ċirkulari maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa fit-23 ta' Settembru, 1947.

Iżda ftit huma dawk li jafu li meta l-Pulizija jkollu l-'Control Card For Free Drugs', dik li nsibuha bħala l-'karta r-roża', jistgħu jġibu mediċini b'xejn mill-isptar tal-Gvern anke jekk it-talba għall-mediċini ssir mit-tabib privat tagħhom. Jiġifieri, li t-talba ma ssirx biss mill-Police Medical Officer.

Ta' min isemmi wkoll, li dan il-privileġġ ta' kura b'xejn kien ġie mħassar mid-Dipartiment tas-Saħħa f'Jannar tal-1957 u kienet saret talba mmedjatament mill-Malta Police Association liema talba ġiet milqugħa mill-Gvern ftit wara li l-Association issottomettiet it-talba tagħha.

Kont taf li skond l-estimi (1978-79) il-complement tal-Korp tal-Pulizija huwa:

Kummissarju — 1
Assistenti Kummissarji — 3
Suprintendenti — 8
Spetturi — 42
Surġenti-Maġġuri ta' l-ewwel klassi — 2
Surġenti-Maġġuri tat-tieni klassi — 16
Surġenti — 218
Kuntistabblijiet — 1120

Skond l-istes estimi, hu kkalkulat li jintefqu £M2,387,000 f'salarji (inkluż l-allowances, overtime ta' l-iskrivani u Honoraria). Il-vot globali li jinkludi spejjeż oħra bħal ma hu t-trasport, training, tiswijiet u xiri ta' materjal eċċ., huwa ta' £M2,720,670.

Jiġifieri bħala professjoni trid aktar professjonaliżmu. Baqgħet bħal pulizija tar-raħal li anqas ma ddaħħlu aktar jaqbel lil kulħadd. Issa li hawn problema tat-traffiku tal-ġenn: li erba' żgħażagħ werwru lil kulħadd bis-serq, li trid tkun b'seba' għajnejn fuq il-kuntrabandu qed naraw li l-pulizija għaddejja bla nifs.

**TROBBIJA U KULTURA**

**Irridu nġibu quddiem għajnejna wkoll li l-liġijiet issawru mill-avukati, maġistrati u mħallfin. Dawn kollha ġejjin mill-klassi soċjali ta' fuq. L-ideja tagħhom ta' l-ordni pubblika u tal-moralli tirrifletti t-trobbija u l-kultura tagħhom biss u bl-ebda mod ma ssib l-eku tagħha fil-klassi soċjali t'isfel. Dak li huwa proprju għall-klassi ta' l-avukati ma jfissirx li huwa dekor għall-klassi tal-ħaddiema. Il-pulizija ġejja fil-maġġuranza tagħha mill-klassi t'isfel u din hija l-esekutur tal-liġi. Dawn jifhmu l-lingwaġġ tal-kultura tal-klasi li trabbew fiha huma u jafu sa fejn għandhom jaslu u meta jmexxu ċitazzjoni. Kieku ma kienx hekk qal Alfred Kinsey, il-famuż studjuż Amerikan, kieku nofs il-popolazzjoni qegħda l-ħabs fuq offiżi sesswali biss.**

# GRISCTI'S

**of Republic Street — Valletta**

## THE EXPERT UNIFORM MAKERS

302, Republic Street, Valletta - Telephone 6264566 - Telex 480 MINIAT


---


## Provincial Insurance Company Ltd.

**Offers you all classes of insurance**

INCLUDING:

- Employers' Liability
- Fire
- Burglary
- Glass
- Public Liability
- Householders
- Comprehensive

## PROVINCIAL INSURANCE CO. LTD.

12/9, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta — Telephone 621249-27355

# ZJARA Ta' Team Libjan

Bejn il-Ġimgħa, 17 u l-Ħamis 23 ta' Marzu 1978, kien hawn fostna kontinġent tal-Pulizija Libjana li kien iffurmat minn sitt Uffiċjali mmexxija minn Major FETHI MEFIM u 20 player tat-team tal-football.

Din iż-żjara seħħet wara stedina li saret lil-Libjani mill-Kummissarju, is-Sur John Cachia, bil-kollaborazzjoni tal-Ministru ta' l-Isport, l-Onor. is-Sur Lorry Sant.

Kemm damu Malta, il-Libjani kienu alloġġjati fil-Lukanda "Ambassador", ix-Xemxija, u kienu taħt il-ħarsien kontinwu tad-diriġenti u l-players tat-team tagħna, li għal din l-okkażjoni kienu "exempted" mill-għassa biex lill-ħbieb tagħna Libjani setgħet tingħata ospitalita' bħalma taw lilna meta konna l-Libja, sentejn ilu.

**Il-Ġimgħa 17/3/78:**

Il-kontinġent Libjan kien mistenni Malta għall-ħabta ta' l-4.30 p.m. iżda ma wasalx qabel is-1 a.m. (sbiħ is-Sibt). Il-Kummissarju u d-diriġenti tat-team tagħna kienu l-Ajruport jistennewhom u wara li ġew ikklerjati l-bagalji u saru s-soliti introduzzjonijiet, il-kontinġent ġie meħud fil-Lukanda. Kienet ħasra li l-kontinġent ma wasalx fil-ħin avżat għaliex kienu jsibu lill-players kollha jilqgħuhom.

**Is-Sibt, 18/3/78:**

Fil-għodu, il-players Libjani, taħt il-coach Ahmed Benel Foul, ittieħdu l-Marsa sabiex jittrenjaw għal-logħba li kellhom mat-team tagħna. Wara ttieħdu lura l-Lukanda għall-ikel u wara nofsinhar ittieħdu li Stadium għal-logħba Valletta v Hamrun S.

**Il-Ħadd, 19/3/78:**

Fl-10.30 ta' fil-għodu saret il-logħba bejn it-team Libjan u dak Malti li rapport dwarha jinsab fil-paġna sportiva. Għal din l-okkażjoni ġew meħuda ritratti kommemorattivi, ġew mibdula Banners u kien hemm preżenti wkoll il-Banda tal-Pulizija.

Mistiedna ta' l-Unur kienu l-Eċċellenza Tiegħu l-Ambaxxatur Libjan flimkien mal-Ministru L. Sant u s-Sur John Cachia, il-Kummissarju tal-Pulizija.

Wara nofsinhar, il-Libjani ġew meħuda dawra f'postijiet turistiċi, fosthom il-Knisja tal-Mosta, ir-Rabat u l-Imdina, il-Buskett u Dingli Cliffs. Spiċċajna b'Tea Party, mogħti mill-players tagħna, fil-Lukanda "Belle View" tal-Mellieħa.

**It-Tnejn, 20/3/78:**

Fil-għodu, il-Libjani ġew meħuda l-Belt għax-xiri u fil-għaxija ġew meħuda fl-Officers' Mess, id-Depot, għall-riċeviment mogħti mill-Kummissarju li għalih attendew ukoll l-Ambaxxatur Libjan, Uffiċjali tal-Korp, il-players u diriġenti tat-team tagħna u mistiedna oħra.

Il-Jazz Group tal-Pulizija taħt it-tmexxija tas-Sur V. Bonnici għen biex din l-okkażjoni tkun suċċess.

L-ET l-Ambaxxatur Libjan, il-Kummissarju tal-Pulizija u Uffiċjali Libjani bidlu rigali ta' tifkira u ttieħdu ritratti ta' l-okkażjoni.

**It-Tlieta, 21/3/78:**

Wara nofsinhar, it-team tal-Pulizija Libjana lagħab it-tieni logħba tiegħu kontra t-team tal-Ministeru ta' l-Isport li spiċċat fi draw ta' 2—2.

Fil-għaxija saret ikla f'ġieħ il-mistiedna tagħna mill-Kummissarju s-Sur J. Cachia li għaliha attendew Uffiċjali mill-Ambaxxata, Uffiċjali tal-Korp u tal-Ministeru ta' l-Isport, kif ukoll diriġenti u players tat-team tagħna.

**L-Erbgħa, 22/3/78:**

Fil-għodu kien riservat għax-xiri fil-Belt u tas-Sliema. Fil-għaxija attendejna għal riċeviment fil-Lukanda Corinthia mogħti mill-ET l-Ambaxxatur Libjan li għaliha attendew l-Onor. Ministru Lorry Sant, il-Kummissarju, Uffiċjali tal-Korp u tal-Ministeru ta' l-Isports, kif ukoll il-players kollha Libjani, tal-Pulizija u tat-team tal-Ministeru. L-Onor. Sant ippreżenta midalji lill-Uffiċjali u players Libjani. Il-Kummissarju ppreżenta lill-Uffiċjal Anzjan Libjan b'album tar-ritratt li ttieħdu matul iż-żjara tal-Libjani f'Malta.

**Il-Ħamis, 23/3/78:**

Wara li fil-għodu reġa' kien hemm ħin għax-xiri fil-Belt, il-kontinġent Libjan ġie meħud fl-Ajruport ta' Ħal Luqa fis-6 p.m. minn fejn telqu lura lejn pajjiżhom fis-7 p.m.

Kemm dam Malta l-kontinġent Libjan, sar dak kollu possibbli biex din iż-żjara tagħhom f'Malta tkun suċċess, kif fil-fatt kienet, biex b'hekk ġie reċiprokat dak kollu li l-Libjani għamlu magħna meta sentejn ilu t-team tagħna żar il-Libja. Din iż-żjara kompliet isservi biex issaħħaħ il-ħbiberija u l-kuntatt siewi li hemm bejn iż-żewġ Korpi.

A.D.



L-ambaxxatur Libjan, Il-Kummissarju u Major Fethi flimkien mal-players Maltin u Libjani fl-Officers' Mess.




**Call us and find out about our SPECIAL ONE WAY and RETURN FARES**



**ALPINE TRAVEL**
Bisazza Street,
Sliema, Malta
Tel: 37421, 35249

ALPINE HOLDINGS LIMITED

**ALPINE...The NATURAL CHOICE.**

# Paġna għan-Nisa

## IL-MODA TAX-XAGĦAR minn C.Calleja

Illum il-mara bħala mara soċjevoli, addattat ruħha ħafna maż-żmenijiet tal-lum. Hija saret tieħu ħsieb li tidher aktar pulita kemm f'dik li hi moda ta' ħwejjeġ kif ukoll fil-moda tax-xagħar.

Bħala waħda dilettanta ħafna tax-xagħar, nixtieq nagħti bidu għal sensiela ta' artikli fuq dan is-suġġett. Nibda biex ngħid li biex iżżomm ix-xagħar pulit jinħtieġ ftit tal-paċenzja bil-i tipprova żżomm ix-xagħar neat kemm jista' jkun. Hekk ngħidu aħna jkun xagħar qasir li bħalissa huwa invoga ħafna, dan ma jeħtieġx dik l-attenzjoni li hi meħtieġa għax-xagħar twil.

Jekk ikollok xi okkażjoni fejn biex tattendi għaliha soltu tmur għand 'hair dreser' u minħabba xi raġuni jew oħra ma tkunx tista' tmur, ma għandekx taqta' qalbek milli tipprova tissettja xagħrek inti stess. Għaldaqstant se nagħti ftit 'hints' kif tistgħu żżommu petnatura intkom għall-gosti tagħkom.

Għal min għandu xagħru qasir, jista' jagħmel 'Blow Dry'. li kif se jingħad huwa sempliċi ħafna. Dan isir billi wara li taħsel xagħrek, tibruxjah u fl-istess ħin iżommu l-hair dryer viċin il-brush sakemm tnixxef xagħref. Meta jinxef, dan jiġi skond dik il-qagħda li tkun tajtu into. Wara tagħmel ftit 'Back combing' u fl-aħħar daqsxejn spray.

Għal dawk li jħobbu n-nokkli, flok lixx, jista' jagħmel xi 'rollers'. Hawnhekk għandek toqgħod attenta li ssir petnatura ħafifa biex ix-xagħar ma jillixax.

Fost il-ħafna tipi ta' 'hair styles', insibu bil-waves, b'xi side-fringe, b'xi flik jew b'xi 'sleek' mal-wiċċ. Min għandu xagħru twil u lixx, jista' jiġbdu b'xi french-roll li jagħti dehra pulita ħafna. Importanti ħafna li ma nħallux 'hair pins jidhru għax dawn jagħtu dehra kerha.

Dawk li jħobbu jżommu xagħarhom fuq spallejhom, jistgħu jagħmlu ftit rollers fittarf ħalli jżommuh iżjed unit. Jekk tixtieq 'flick-up' u għandek xagħrek lixx, allura għandek tuża rollers żgħar għat-tarf u tobromhom 'il fuq u mhux 'l



isfel kif isir is-soltu. Jinħtieġ ukoll tfit ġentilezza meta tibbraxja.

Niġu fl-aħħarnett għal mod l-iżjed faċli, jiġifieri dak ta' l-"under".

Dan jidħol għal taħt u jagħti dehra aktar sofistikata. Għal dan tridu tagħmlu rollers mibrumin għal taħt u informa (in shape).

Meta tippruvaw xi wieħed minn dawn il-metodi, taraw li intkom stess tagħtu dehra millisbaħ tax-xagħar tagħhom. Ma hemmx xi għerf, wara kollox hija s-sempliċita li tagħmlek pulita. Darb'oħra ngħid xi ħaġa fuq il-'colour shampoos".

**Xewqat tajba għall-Mothers Day.**

# MILL-BORMA

**MILL-BORMA — minn T.I.**

Meta nlestu skutella soppa sħuna bħala l-bidu ta' l-ikla, żgur li jgħidulna prosit, b'mod speċajli meta nsajruha aħna stess mill-ingredjenti li nsibu fid-dar je wmill-fdal ta' xi laħam bħal per eżempju tiġieġ jew minn fdal tal-ħaxix.

Illum se nagħti waħda minn dawn ir-riċetti li jsiru malajr.

**SOPPA MILL-FDAL TAT-TIĠIEĠ**

X'għandek bżonn:
3 imgħaref ross
Karfusa ftit kbira mqatta' rqiq
3 kikkri brodu tat-tiġieġ (jew stock) sħan
2 kikkri ħalib sħun
Tursin imqatta' rqiq.

**Metodu:**

Sajjar ir-ross u l-karfusa filbrodu jew stock sakemm isir proprju artab u wara għaddi minn pasatur. Żid mal-ħalib, ilmel! u l-bżar (jekk tuża stock (dadi) trid toqgħod attenta minħabba l-melħ). Itfa' t-tursin imqatta' fin u servi sħun. Ma dan trid iżżid il-fdal tat-tiġieġ li diġa' jkun msajjar wara li tqattgħu f'biċċiet żgħar.



U'L-MARA TGHIDLI LI 'L-GHASSA NKUN QED NILGHAB.

# KITY WOODWORKING MACHINES



**Micallef & Zammit Limited,**

31 Old Bakery Street, Valletta
Tel: 606527, 624560, 625149

**THE TOOLBOX**

Gzira
171, The Strand,

---

# The New Telltimers.

CITIZEN QUARTZ

# MULTI ALARM




CITIZEN

# PAGNA SPORTIVA

## MIS-SURĠENT ALFRED DEBATTISTA

### 1. FOOTBALL

It-team tagħna temm l-impenji tiegħu fil-kompetizzjoni "Football għal Kulħadd", meta fl-aħħar fażi, dik tan-Knock-Out bejn l-aħħar 16-il team tilef mat-team tal-HAMRUN CBB bl-iskor ta' 0—3, fil-Manoel Island Ground nhar il-Ħadd, 26 ta' Marzu, 1978.

Wara li konna rbaħna żżewġ gruppi fiż-żewġ fażijiet ta' qabel, kellna l-isfortuna li niltaqgħu fl-ewwel polza kontra wieħed mill-aqwa teamijiet li h e m m fil-kompetizzjoni. F'dan it-team hemm mhux inqas minn 7 players regulari mit-team ta' Sliema W. (G. Camilleri, Tortell, Losco, Fabri, Edward u R. Aquilina u Bajada) kif ukoll G. Ciantar (Floriana), Monreal (B'Kara) u Borg (Msida) kif ukoll players mit-team tal-Ħamrun Spartans u A. Mizzi (Hibs).

Dan qed ngħidu biex dawk li qatt ma dehru meta t-team tagħna rebaħ il-logħbiet kollha fir-rounds ta' qabel u meta waslet din l-ewwel telfa saru jifhmu ħafna u ħarġu bi kritika distruttiva, ikunu jafu MA' MIN TLIFNA.

Li nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem huwa li kemm id-diriġenti kif ukoll il-players kollha għamlu dak li kien umanament possibbli biex nirnexxu. Il-fatt li minn kważi 100 team irnexxielna nispiċċaw ma' l-aħħar 16 juri li l-faċilitajiet u l-ħin mogħti lilna għall-preparament ġie wżat tajjeb u ma kienx għal xejn, kif forsi hawn min jaħseb.

Hawn ikun floku li pubblikament, f'isem dawk li ħadu ħsieb it-team u f'isem il-players kollha nuri l-apprezzament tagħna lkoll lejn il-Kummissarju tagħna li għoġbu jagħtina faċilitajiet li bħalhom żgur qatt ma kellna.

### 2. PULIZIJA MALTIJA v PULIZIJA LIBJANA

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Marzu, 1978, fil-Ground Nru. 1 tal-Marsa t-team tagħna ltaqa' mat-team tal-Pulizija Libjan li rebħilna bl-iskor ta' 4—0.

Għalkemm din il-logħba ġiet deskritta bħala waħda ta' ritorn għal dik li konna lagħabna fil-Libja u rbaħna xi sentejn ilu, dan kien team differenti ħafna. Difatti kkonfermajna li dan kien it-team ewlieni tal-Pulizija u dak li miegħu lagħabna fi Tripli kien il-"B" Team. Meta din tal-"B" Team konna smajniha fil-Libja ħsibna li kienet xi skuża għax irbaħnilhom, iżda fil-Marsa rajna d-differenza.

Għalkemm konna nferjuri għal-Libjani, l-iskor ta' 4—0 jista' jqarraq. Li kien kontra tagħna kien il-fatt li din il-logħba ġiet fuqna għal għarrieda u ma laħaqx sar preparament fuq il-ħaxix. Barra dan kellna nilagħbu mingħajr tlieta mill-aħjar players tagħna li kienu mweġġa'.

B'danakollu l-importanti mhux ir-riżultat kien iżda ċ-ċans li erġajna saħħaħna l-ħbiberija li teżisti bejn iż-żewġ Korpi li permezz ta' dawn il-kuntatti tkompli tissaħħaħ.

F'naħa oħra ssibu rapport dwar iż-żjara tal-Libjani. Għar-rekord dawn kienu l-players li ffurmaw it-teams:

*Team Malti:* Ch. Grima, J. Desira, R. Bonnici, L. Buttigieg, J. Camilleri, F. Zammit, N. Fabri, J. Caruana, Ch. Grech, J. Mallia u L. Mallia.

Reserves li ħadu sehem kienu: T. Xerri, F. Zammit (2) u N. Mizzi.

*Team Libjan:* Naceur, Meftah, Bahloul, Daou, Farhat, Abdallah, Ali, Baroudi, Hajjaji, Fazzani, Tir.

Reserves li ħadu sehem: Jamel, Kara, Mohsen, Moudir, Oujdi, Masri u Dazza.

### 3. FORMAZZJONI TAL-KUMITAT SPORTIV

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Marzu, 1978, fil-Lecture Room, GHQ, saret laqgħa għall-membri tal-Korp li jinteressaw ruħhom fl-organizzazzjoni ta' l-isport. Dan sar wara li kien ħareġ messaġġ bl-approvazzjoni tal-Kummissarju GHQ (OG) 1032 bid-data tas-27/3/78.

Għal din il-laqgħa attendew 13-il membru (numru żgħir meta tqis kemm hawn membri li jikkritikaw u jridu li jsir kollox).

Wara diversi suġġerimenti u bdil ta' idejat, saret votazzjoni u ġew maħtura dawn il-membri biex jiffurmaw il-Kumitat Sportiv:

Chairman: Inspr. Anthony Borg; Vice-Chairman: PS 942 A. Debattista; Segretarju: PS 429 R. Cilia; Asst. Segretarju: PS 184 L. Spiteri; Teżorier: PC 1338 A. Mifsud; Asst. Teżorier: PC 1108 D. Cassar; Membri: PS 604 A. Barberi, PC 500 L. Mallia, PC 289 A. Galea.

Ġie deċiż li nieħdu ħsieb norganizzaw diversi sport, l-aktar dawk li ma jinvolvux ċaqliq ta' detail. Fost dawn hemm il-Basketball, Bodybuilding, Billiards, Table Tennis, Darts, Sparar, Boċċi, Water-polo. Hemm il-ħsieb ukoll li jiġi organizzat league tas-sajf tal-football (Seven-a-Side) u jekk jirnexxielna, nilagħbu wkoll in-Knock-Out tad-Distretti li ma ntlaħqitx intlagħbet l-istaġun l-ieħor.

Ix-xogħol għal dawn l-isports differenti ġie mqassam fuq il-membri tal-Kumitat li għandu jkollhom l-għajnuna ta' membri oħra tal-Korp li jkunu jifhmu f'xi sport partikulari.

Għal skop ta' amministrazzjoni, il-Kummissarju għoġbu jagħtina kamra ħdejn il-bitħa tad-Depot fejn se jiġi miżmum il-Kit kollu ta' l-isport li għandna kif ukoll Tazzi, Banners u mementos oħra regalati lill-Korp matul iż-żmien li għadda.

Għandhom jinħarġu ċirkularijiet biex il-membri jkunu nfurmati b'dak li se jkun jiġi organizzat.

**X'KITEB MAJOR FATHI DWAR IŻ-ŻJARA F'MALTA**

"We, the Libyan football team from the Socialist Peoplel's Libyan Arab Jamahiriya, wish to thank the Malta Police Force under the command of the Commissioner John Cachia for the good hospitality they showed to us during our visit to Malta and may God help you to prosper in the future."

## POLICE CROSSWORD NO. 1



*Across:*

1 A water one which no policeman should be afraid of (6)
5 Ensnare the parent possibly (6).
8 Ma drives the car to a headless moon for a small cake? (8)
9 A defensive covering for the head worn by the policeman on a motor-cycle (4)
10 Dress or costume in a lot of garbage? (4)
13 A movable joint (5)
14 Blood vessels (5)
19 A skirt like this will show above the knee (4)
20 Repetition of sound produced by sound waves (4)
21 Many of them are caught red-handed by the police (8)
22 To attack or assault (6)
23 To dwell permanently or for a length of time (6)

*Down:—*

2 Thorough enquiries in order to bring out the facts concerned with the detection of crime and criminals (14)
3 Such gun is an automatic short barrelled, light machine-gun invented by General John Thompson of the American Navy (1860-1940) (5)
4 Devices for fastening doors, boxes and cases (5)
5 Beginning of an era in history (5)
6 South American dance (5)
7 The proverb says that "... ........... ...... ......... ............ is worth two in the bush". (1, 4, 2, 3, 4)
11 and 12 Gun often used by criminals, invented by Colt (8)
12 See 11 Down
15 The 7th sign of the Zodiac; You can see what the stars say to anyone born during the period Sept. 22nd to Oct. 23rd (5)
16 Don't fall a victim of a playful hoax on the first day of this month (5)
17 Ringo who formed part of the Beatles group (5).
18 Places in which birds lay their eggs (5)

The solution should be sent to the Editorial Board by not later than the 15th June, 1978.

There is no need of cutting the 'crossword puzzle'. Solutions may be sent in a letter giving the name and address.

Prizes: for the first three good solutions: Hamper of Wine.

# PROFIL



*PROFIL (3)*

### GEORGE ABELA (PC. 174) (Bodybuilding)

George Abela, stazzjonat il-Belt, huwa membru ieħor prominenti fil-qasam tal-Bodybuilding fost il-membri tal-Korp.

George ilu jipprattika l-bodybuilding minn mindu kien l-iskola. Fi ħdan l-IFBB li tagħha huwa membru, ħa sehem f'diversi contests b'suċċess. Fost dawn ta' min isemmi l-contests ta' Mr Malta tas-snin 1965, 1968, 1969 li fihom it-tlieta pplejsja fit-tieni post. Huwa ħa wkoll it-tieni post fil-Mr Mediterranean ta' l-1969 u t-tielet post fil-Mr Olympia ta' l-istess sena.

Wara perjodu inattiv, reġa' beda jittrenja fil-Gym persunali tiegħu fid-dar u f'dawn l-aħħar snin żied fit-training sabiex ikun ippreparat għall-Contests li dalwaqt isiru f'Malta. Difatti George għandu jkun wieħed mir-rappreżentanti tal-Korp tal-Pulizija fil-Contests ta' Mr Malta u oħrajn li se jsiru ma jdumux.

Minn din il-paġna nawguraw lu suċċess għalih personali u għall-isem tal-Korp.